



# Manwel Cilia (1889–1967)

## Tifkira Onoruża Tiegħu f'Għeluq il-Ħamsin Sena minn Mewtu

**Michael Bonnici**





Manwel (Emmanuele) Cilia twieled Ħaż-Żebbuġ fl-14 t'April 1889. Missieru kien Francesco u ommu Elizabetta. Kien magħruf bħala l-Għannej jew Ta' Żabett. Dan il-laqam tal-aħħar kien ġej minn isem ommu li minħabba fiha kienu jsibuh bħala '*Ta' Żabetta*' . Kien joqgħod fi Triq Sant'Antnin nru. 29. Kellhom wild wieħed Maria Carmela magħrufa bħala Marianne.

Il-professjoni tiegħu kienet ta' *nurse* u pprattika mat-tabib prinċipali tas-servizzi Ingliżi stazzjonat fil-Forti Sant'Iermu li dak iż-żmien kien forti kien mimli ħajja.

Iżda l-aktar li kien u għadu magħruf huwa għall-għanja ħelwa tiegħu b'vuċi tassew ċara, sabiħa u li tifhimha. Il-leħen tiegħu għadu magħruf sal-ġurnata tal-lum fl-għanjiet tiegħu li baqgħu magħrufa u li b'xorti tajba ma ntilfux. Dawn ġew miġbura permezz tal-ħidma tas-Sur Andrew Alamango li fis-sena 2010 ħareġ pubblikazzjoni tal-akbar interess u kien għal mertu tiegħu li d-diski ta' Manwel Cilia u ta' oħrajn irrekordjati fis-snin tletin tas-seklu għoxrin ġew salvati fl-aħħar żmien tagħhom u b'hekk illum għadna rikordju mill-isbaħ ta' għana ta' dan il-perijodu.

Għalkemm illum l-għana m'għadux daqshekk popolari fost iż-żgħażagħ tagħna, għad fadal interess li b'dan il-ftit entużjażmu baqa' magħna jferraħ u apprezzat minn sezzjoni tal-komunita Maltija u minn hawn nawgura li ma jintilifx l-interess fih. Infatti s-soċjetà ċivili għadha torganizza serata annwali biex dan il-forma ta' kant bħala parti mill-folklor Malti ma jintilifx.

Erin Seracino-Inglott jagħti din id-definizzjoni wiesa għal kelma 'għana; 'tlissin tal-kliem', b'noti mużikali li juru ferħ jew dieqa'; 'skont ma tħoss il-qalb'; 'modulazzjoni tal-vuċi bi kliem sillabat u ritmat fuq xi mottiv melodjuż'; **tagħwid** (**twaħħid / tgħawwiġ**) tal-kliem, imqabbel jew le, magħżul u ħelu fil-widna'; 'kant b'kisra Maltija, imqabbel u megħjun ħafna drabi bid-daqq tal-kitarra'...

L-għana ġej minn żmien l-imgħoddi sewwa u llum jitqies bħala tradizzjoni u jagħmel

parti sewwa mill-folklor Malti. Ġużè Cassar Pullicino jikteb li l-ewwel għana jmur lura għas-sena 1792 fl-aħħar taż-żminijiet tal-Kavallieri f'Malta.

Dari kien aktar komuni għaliex waqt li ma kienx hawn ir-radju u mezzi oħra ta' diski x'wieħed jisma, kien il-bniedem stess li kien joqgħod ikanta jew jgħanni biex jesprimi kemm il-ferħ tiegħu kif ukoll id-dwejjaq li forsi jkun għaddej minnhom. In-nisa wkoll kellhom dan it-talent u n-newba għal dan il-għana waqt il-ħasil tal-ħwejjeġ jew tisjir, il-ballata tal-bjut bid-dufun, f'xi ħarġa bil-karettun jew waqt xi fenkata fil-kampanja.

Iżda l-eżempju klassiku ta' dan il-kant huwa l-għana waqt il-festa tal-Imnarja u fil-festa ta' San Girgor f'Marsaxlokk. L-ispazju hawn ma jippermettix li nirrakkontaw fuq dawn iż-żewġ festi karatteristiċi tagħna l-Maltin.

L-għana ukoll sfortunatament kien iservi ta' tniggiż jew buttaturi ta' tgħajjir lejn persuna jew oħra jew ta' grupp wieħed lejn l-ieħor. Iżda ejja nżommu l-pożittiv tiegħu.

Kien hemm diversi tipi wkoll ta' għana: dak spirtu pront, ir-rakkont ta' xi ġrajja, zekzik, il-melodija ħelwa li tferraħ il-qalb u tpaxxi l-widna u tant oħrajn. Tajjeb li wieħed isemmi wkoll dawk il-poeżiji li kienu jgħannu fuqhom bl-isem ta' "balladi" li għad għadna diversi minnhom li baqgħu jissemmew bħall-"għarusa tal-Mosta' "il-kanzunetta karnivaleska" il-Maltija' tal-magħruf mużiċist Charles Camilleri u oħrajn. Ta' min jinnota li f'dan it-taqbil tal-versi ma kienx jonqos id-djalett Malti li jiddistingwina bħala ġens żgħir u b'ilsien simetiku, imma li fih il-karattersitika tagħna l-Maltin.



L-istrumenti li kienu jintużaw għal waqt dan il-kant kienet prinċipalment il-kitarra bħala Solo, kumplimentata b'żewġ akkordji t'akkumpanjament. Kienet tidħol xi drabi wkoll iż-żaqq, iċ-ċekċika u t-tamborlin u xi kastanji ma kienux jonqsu.

Dan kollu għidtu mhux mil-lat ta' esperjenza jew b'xi kwalifika, iżda biss biex nintroduċi l-għanja ta' Manwel Cilia u oħrajn li fis-snin li semmejna ferrħu lil poplu Malti u Għawdxi b'dan it-tip ta' kant b'kuntrast assolut mar-*rock'n roll*, *country music*, u diski oħra kif nafuhom illum.

Fl-istudju profond ta' Andrew Alamango nikkwota xi jgħid fuq Manuel Cilia partikolarment: l-ewwel diska li sibt kienet dik bl-isem '*il-Mara u ix-Xitan*'. Diska b'diskors tal-biża.

Il-ballada 'l-istorja ta' Arturo u Maria' (l-ewwel u t-tieni parti) esegwita minn Manuel Cilia magħruf 'ta' Żabett' kellu r-reputazzjoni tal-aħjar kantant fil-gżejjer Maltin u propju kien l-għana tiegħu li l-aktar li kienu jinbiegħu diski.

OBITWARJU | ĦAŻ-ŻEBBUĠ U Ż-ŻEBBUĠIN | FESTA 2017 | MILL-KAŻIN | MESSAĠĠI

U propju l-melodija tiegħu u l-ksur tagħha ħalliet influenza qawwija partikolarment ħafna snin wara fuq Frans Baldacchino 'il-Budaj' u Mikiel Abela 'Il-Bambinu'.

Fost id-diski li ġew salvati rekordjati tant tajjeb minn mid-ditta li kien għażel Andrew Alamango mill-għannej Manwel Cilia huma dawn:-

'X'aħna sbieħ min jaf jarana'– (C Satariano) Emmanuele Cilia u l-Kor

'Xalata għal San Pawl'– Emmanuele Cilia u Carmelo Cardona u l-Kor.

'Il-mara u x-xitan'– (C.Satariano) Emmanuele Cilia

M'għandix dubju li għad hawn ħafna aktar diski ta' Manuel Cilia u nittama li sakemm dawn jinġabru mill-awtur, tkun tista' ssir serata possibilment din is-sena stess li tikkommemora din il-pesuna li tassew titpoġġa f'livell ta' personaġġi oħra ta' Żebbuġin magħrufa.

Personalment niftakru sewwa lil Manwel Cilia għax kien joqgħod tista' tgħid quddiemna u l-memorja tiegħu jqaxxar il-leħja fil-gallerija tad-dar numru 29, baqgħet waħda mit-tifkira ta' tfuliti.

Niftakar ukoll meta darba waħda kont kellimtu fil-kantuniera fejn illum hemm il-każin tal-Partit Nazzjonalista u kien qiegħed ipejjep. Għidtlu dawk m'għandekx xi tridhom u kien irrispondini: "sigarett jakkumpanjak – daqs li kieku għandek ħabib ħdejk".

Għal dawk li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar l-għana jfittex fuq il-Wikipedija Maltija li hija sors li tista' tisseħeb fiha. Bħala 'werrej' issibu (1) Storja tal-Għana, (2) Tipi differenti ta' għana bħal 'Spirtu Pront'; 'Għana bil-Qasma' ; 'Għana fil-Għoli'(La Bormliża); 'Għana tal-Fatt'; 'Makjetta' ; Strumenti; l-Gġana fil-preżent; Għannejja u Kitarristi li ħallew marka fl-istorja tal-għana u Ħoloq esterni. Qiegħed hawnhekk inġib ukoll poeżija miktuba minn Salvu Gatt nhar is-16 ta' Mejju 1996:

## Lil Manwel Cilia

Manwel Cilia kien raġel serju
Kien bniedem dejjem pulit
Fi żmien dan Manuel Cilia
Bħalu kont issib ftit

Niftakru jien il-pjazzetta
Liebes l-abjad ħdejn il-bieb
Manuel kien raġel minn tagħna
Malajr miegħu tagħmel ħbieb

Kont taraħ fuq siġġu bilqegħda
Irewwah bil-palju f'idejh
Kull min jgħaddi minn quddiemu
Tislima jagħtih b'għajnejh

Għamel ġieħ lir-raħal tagħna
Manwel b'għana ta' pjaċir
Spirtu pront, Cilia kien jgħanni
Mhux xi għana bit-tkarkir

Kont għadni daqxejn ta' tifel
Lil Manwel Cilia niftakru sewwa
Meta kien jgħanni xi waħda
Kulħadd jitpaxxa, bil-ħlewwa

Kien raġel twil u sabiħ
M'għadux magħna qed jistrieħ.